**<u>Minuti tal-Laqgħa ta' kontinwazzjoni tad-disa' u għoxrin (29) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret nhar il-Erbgħa 26 ta' Mejju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fis-6.30 ta' filgħaxija.</u>**

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 7.15p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 6.40 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | 6.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 6.50 p.m. | 9.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

1.00 Fil-bidu tal-Laqgħa s-Sindku Graziella Galea talbet sospensjoni tar-regolamenti sabiex tinforma lill-Kunsilliera li rċeviet komunikazzjoni li tgħid li s-Sur John J. Camilleri kien qed jiġi trasferit mill-Kunsill Lokali tal-Mosta għal dak ta' San Pawl il-Baħar b'mod permanenti mill-ewwel (1) ta' Ġunju, 2010, wara li dan kien approvat bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fl-għoxrin (20) ta' Mejju 2010 (fl-ewwel parti ta' din l-istess laqgħa). Ġie approvat dan it-trasferiment.

**2.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

2.01 Ġiet ippreżentata lista ta' disgħa u erbgħin (49) korrispondenza u komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill. Kopja ta' din il-lista ġiet mqassma mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kunsilliera kollha. Il-lista tinsab annessa ma' dawn il-minuti bl-azzjoni li għandha tittieħed (kif approvat mill-Kunsill) innotata ħdejn kull korrispondenza.

2.02 Fil-każ tal-korrispondenza nru. 28 fuq il-lista li fiha Tara Lynn Zammit għan-nom ta' Vodafone talbet biex jingħata permess mill-Kunsill sabiex jitpoġġa mobile unit nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju fil-pjazza ta' Buġibba, is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat li jinħatar sotto-kumitat sabiex meta jkun hemm talbiet simili bħal dik ta' Vodafone, dan is-sotto-kumitat jiddeċiedi dwar dawn it-talbiet.

Ittieħed vot u din il-mozzjoni għaddiet b'ħames voti favur (Graziella Galea, John Bray, Mario Camilleri, Martin Zerafa u Frank Gauci) u b'erba' voti kontra (Jason Camilleri, Alexander Bezzina, Raymond Tabone u Alfred Grima).

Is-Sindku ipproponiet li dan is-sotto-kumitat jkun magħmul minnha bħala s-Sindku (Graziella Galea) u mill-viċi Sindku John Bray u l-Kunsillier Peter Abela. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ġiet sospiża għal seba' (7) minuti bejn is-7.30pm u 7.37pm sabiex persuna mill-pubbliku tkun tista tindirizza lis-Sindku fuq xi lmenti.

**4.00 Għażla ta' kwotazzjonijiet**

4.01 SPBLC-Q-09-10 Provista u installazzjoni ta' arbli tad-dawl dekorattiv matul il-Promenade f'San Pawl il-Baħar.

Ġie deċiż li l-kunsillier Martin Zerafa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jżuru ż-żona u jaraw eżatt x'inhi il-ħtieġa li hemm għal dawn l-arbli.

4.02 SPBLC-Q-11-10 Preparazzjoni għal pjan ta' azzjoni għal Enerġija Sostenibli għal lokalita' ta' San Pawl il-Baħar

Ġie deċiż li ż-żewġ kwotazzjonijiet jintbagħtu lill-konsulenti Galea Curmi Engineering Consultants għall-evalwazzjoni tagħhom wara li ssir laqgħa ma kull applikant. Għal din il-laqgħa għandu jattenti s-Sindku jew il-Viċi Sindku w is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-konsulenti Galea Curmi Engineering Consultants.

4.03 SPBLC-Q-12-10 Provista ta' strippi ta' l-injam Red Deal Grade A

Ġie deċiż li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet peress li dawk miksuba kienu jidhru għoljin fil-prezz. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab li jekk iġib kwotazzjonijiet irħas u ta' kwalita' tajba, jmur għall-irħas kwotazzjoni.

4.04 SPBLC-Q-13-10 Provista ta' qsari kbar bi qfief imdendlin in-naħa ta' fuq matul il-Promenade tax-Xemxija f'San Pawl il-Baħar

Ġiet approvata l-kwotazzjoni ta' ELC li kienet l-irħas waħda. Ġie deċiż ukoll li dawn għandhom jiżżarmaw fix-xhur tax-Xitwa.

4.05 Ġew approvati wkoll dawn il-kwotazzjonijiet li ġew ippreżentati waqt il-laqgħa.

(a) Xiri ta' żebgħa ta' kulur isfar (skur) mingħand Kenneth Hardware Store li kienet l-irħas offerta. Saret diskussjoni jekk dan il-kulur skur kienx addattat għall-Promenade jew jekk kellux jintgħażel kulur isfar ċar sabiex dan ma jintefiex bix-xemx, huwa irħas fil-prezz u aktar addattat għal post. Saret proposta min Alfred Grima u ssekondata minn Frank Gauci, li s-Sindku għandha tiġi awtorizzata tiddeċiedi li billi x-xogħol kien diġa beda dan għandux jitkompla bl-istess kulur skur jew jekk kienx irħas li x-xogħol isir kollu mill-ġdid b'kulur aktar ċar.

(b) Is-Segretarju ġie awtorizzat jixtri mappa tal-lokal mingħand il-MEPA li turi l-limiti (*boundaries*) tal-lokal ta' San Pawl il-Baħar.

(c) Is-Segretarju ġie awtorizzat jixtri *4-in-one multi purpose printer* bil-kulur tal-marka HP għall-Front Office tal-Kunsill u tiġi skrapjata l-photocopier li kienu qed jintefqu ħafna flus għat-tiswija tagħha.

(d) Is-Segretarju ġie awtorizzat jixtri xkaffar sabiex jinħoloq spazju għaż-żamma ta' files u kaxex fl-uffiċċju.

(e) Sar qbil li jinxtraw 3 PVC pots kbar mingħand ELC sabiex jitħawlu xtieli u jitpoġġew fuq il-bankina ta' ħdejn il-Panorama bar f'Burmarrad b'tali mod li ma jitħallewx vetturi jipparkjaw fuq din il-bankina.

(f) Ġiet approvata unanimament offerta mingħand Steve Vassallo għal l-attivita' ta' "Elvis – Leaves his Mark" kif espressa fis-sejħa għal Expression of Interest. Ġie innotat li bħala preferenza din l-attivita' għanda ssir ħdejn it-Torri Wignacourt għalkemm l-organizzaturi kienu qed jipproponu wkoll li din issir ħdejn Fra Ben Restaurant fil-Qawra. Is-Sindku ġiet awtorizzata torganizza din l-attivita'.

**5.00 Aġġornamenti**

5.01 Is-Sindku fakkret li l-kera tal-uffiċċju kienet waslet biex tagħlaq f'Awwissu u kien hemm il-bżonn li l-Kunsill jaħdem sabiex jinstab post addattat. Ġie deċiż li s-Sindku, il-Viċi Sindku w Alfred Grima flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jaraw kif tista tissolva din il-problema.

5.02 Is-Sindku ipproponiet u ġiet issekondata minn Peter Abela li jsir ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Agios Pavlos fil-Greċja. Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

5.03 Is-Sindku ipproponiet u ġie approvat li jsir sotto kumitat magħmul minnha, minn Jason Camilleri u minn Frank Gauci sabiex jorgannizzaw mawra għall-Greċja bil-parteċipazzjoni ta' madwar mitt (100) persuna kif propost mill-Griegi u b'fondi mill-Programm tal-Unjoni Ewropea f'data li għad trid tiġi iffissata. Dawk li jmorru fuq din iż-żjara fil-Greċja iridu jħallsu d-differenza tal-ispejjeż.

5.04 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li l-ħin tal-kors li qed jiġi organizzat mid-Dipartiment f'Awwissu fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar ma kienx addattat u li għandu jew jinbidel jew jiġi pprovdut trasport.

5.05 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li l-Bring-in-Site ta' Fra Ben fil-Qawra għandu jiġi spostjat għall-ġol parking space.

5.06 Il-Kunsillier Alex Bezzina qal li għandhom jitwaħħlu barriers fi Triq Jean de La Cassiere sabiex jiġi evitat periklu. Għandha tinkiteb ittra lill-MEPA f'dan is-sens.

5.07 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab li s-Sotto Kumitat li nħatar f'din il-laqgħa għandu jistudja t-talba għal mobile unit mill-Vodafone.

5.08 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab li l-arloġġ ta' Burmarrad jiġi rranġat.

5.09 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab u ġie approvat li l-Kunsill iħallas għax-xiri u nstallazzjoni ta' Air Conditioner fl-Għassa tal-Pulizija ta' Buġibba.

5.10 Il-Kunsillier Jason Camilleri staqsa dwar il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-Kunsill u li tinżebaħ il-Bus Stop ta' Buġibba.

5.11 Il-Kunsillier Peter Abela talab li titnaddaf il-bitħa tal-Kunsill.

5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv talab u ġie approvat li jintalbu ħaddiema bħala handyman u cleaner taħt l-iskema tal-ETC.

5.13 Ma kienx baqa ħin għall-aġġornamenti minn Kunsilliera oħra.

**6.00 Egħluq tal-Laqgħa**

6.01 Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.